MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2014

Numru. 599/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Karl Henrick Huillier**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Karl Henrick Huillier detentur tal-karta tal-identita` Franciza bin-numru 121030200221.

Akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta' Gunju 2014, ghall-habta tal-07:00hrs ta' filghaxija gewwa Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-dannu ta' michael Zahra detntur tal-karta tal-identita' 155772M, u dan bi ksur ta' Artikolu 325 (1)(b), ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tigi imposta garanzija fuq l-imputat, Karl Henrick Huillier sabiex josserva kull kundizzjoni li tigi imposta fuqu, u dan ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni li f'kaz ta' htija barra, l-imsemmi Karl Henrick Huillier ihallas lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunata permezz tar-reat

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 325(1)(b), u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu; qed issib lill-imputat Karl Henrick Huillier hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li hallas pjenament a saldu, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------